# Il-Mużika bħala Lingwa

Anthony Borg

Il-kompożizzjoni mużikali hija waħda mill-aktar ħwejjeġ misterjużi minn kull forma artistika oħra. Il-bniedem, li ma jsibhiex daqshekk diffiċli li jassoċja ruħu ma' xogħol letterarju, jew ta' arti fosthom il-pittura u l-iskultura, għandu biex ngħidu hekk jitħawwad bil-proċess li bih il-mużika – li tidher bħala notazzjoni – trid tiġi mfissra permezz ta' ħsejjes kemm naturali (il-vuċi tal-bniedem), jew minn ħsejjes artifiċjali (l-istrumenti) jew taħlita tat-tnejn, magħmulin kemm minn persuna waħda, jew minn grupp ta' persuni.

Kuntrarju għal forom ta' arti oħra, kompożizzjoni mużikali tibqa' propjetà tal-kompożitur fis-sens li anke għalkemm tista' tiġi mitbugħa, hija xorta tibqa' mhix milħuqa mill-pubbliku inġenerali sakemm tiġi esegwita. Għalkemm kompożizzjoni mużikali tista' tindaqq eluf ta' drabi, kull eżekuzzjoni hija differenti minn waħda għall-oħra, għaliex l-interpretazzjoni li tingħata tiddependi għal kollox minn min jesegwixxiha.

## L-oriġini tan-notazzjoni mużikali

L-ewwel xogħlijiet mużikali jduru mar-reġistru tal-vuċi umana. Il-bnedmin f'kulturi differenti wżaw il-kant jew strumenti (dawk li llum insejħulhom primittivi) biex permezz tal-ħsejjes jesprimu lilhom infushom. In-notazzjoni mużikali jew fi kliem sempliċi l-kitba mużikali ġiet żviluppata wara. It-tliet raġunijiet li għalihom ġiet maħluqa l-kompożizzjoni huma:

a) Biex il-kantant/strumentalista jiftakar dak li jkun improvizza,
b) Biex jinżamm u jiġi priservat dak li jkun gie maħluq mużikalment,
c) Biex tkun aktar faċli li l-mużika tiġi esegwita minn numru jew gruppi differenti ta' mużiċisti.

In-notazzjoni mużikali – bħala lingwa, għandha l-oriġini tagħha fil-Lvant Nofsani fit-tielet millenju Qabel Kristu. Jidher li l-Griegi kienu l-ewwel ġens li ppruvaw jirrappreżentaw il-varjazzjoni tal-ħoss mużikali (*musical pitch*) permezz tal-alfabett. Warajhom, ċiviltajiet oħra minn madwar id-dinja wkoll għamlu diversi attentati biex joħolqu sistemi simili ta' notazzjoni mużikali.

## In-Notazzjoni Newmatika

L-eqdem notazzjoni li nafu biha fl-Ewropa tal-Punent tissejjaħ in-notazzjoni newmatika. Din hija sistema ta' simboli li tipprova turi t-tlugħ u l-inżul tal-linja melodika. Dawn imorru lura sad-disa' seklu Wara Kristu u kienu marbuta mal-eżekuzzjoni ta' mużika sagra l-aktar ġewwa l-monasteri. F'diversi



manuskritti ta' dawk iż-żminijiet, insibu kliem u passaġġi meħudin mill-iskrittura jew temi oħra reliġjużi akkumpanjati b'xi notazzjoni, għalkemm sa dak iż-żmiem ma kienx għadd hemm l-ebda sistema komuni.

L-ewwel dehra ta' notazzjoni bil-linji li tixbaħ lil dik li nużaw illum fejn il-ħoss kien indikat b'simboli fuq / jew bejn il-linji bil-*Chiave* kienet f'kompożizzjoni Franċiża *Musica Enchiriadis* fis-seklu 9 W.K. Fl-istess żmien il-mużika għal strumenti b'mod partikolari dik għall-orgni u għal-*lute* bdew jinkitbu b'disinji magħrufa bħala *tablature* fejn kienu jiġu indikati l-pożizzjonijiet tas-swaba tal-istrumentalista.

## Guido D'Arezzo

Fis-seklu ħdax patri Taljan, Guido D'Arezzo, (c.977-1050) ħoloq dik li nsejħulha *solminization system* – il-prekursur ta' dik li hija magħrufa bħala *tonic solfa* – fejn numru ta' sillabi jindikaw il-ħoss tan-noti tal-iskala mużikali.




Huwa vvinta wkoll il-*Guidonian Hand* fejn il-ponot u l-ġogi tal-ħames swaba tal-id jintużaw bħala għajnuna biex wieħed jiftakar in-noti. Sadanittant kienu qegħdin isiru diversi attentati biex jiġi indikat ir-ritmu tal-mużika billi jvarjaw l-angoli u t-tul tas-saqajn tan-newmi waqt li beda l-ħolqien u l-iżvilupp tal-polifonija, jiġifieri l-eżekuzzjoni ta' aktar minn linja melodika waħda fl-istess waqt.

## Is-sistema modali

Minn madwar 400 sena Q.K. sa madwar is-sena 1500 l-mużika Ewropea kienet mibnija fuq il-modi. Fis-seklu 3 Q.K. l-matematiku Grieg *Pythagoras* bena skala mużikali li bejn wieħed u ieħor tikkorrispondi man-noti l-bojod tal-pjanu. Żewġ sekli wara, il-Griegi bdew jużaw din l-iskala b'seba' modi differenti. L-ewwel insara adottaw erbgħa minn dawn magħrufa bħal <u>*authenticated modes*</u> (li jikkorrispondu għal skali fuq in-noti l-bojod tal-pjanu li jibdew fuq ir-Re, il-Mi, il-Fa u s-Sol rispettivament). Fis-seklu 6 W.K. l-Papa Gregorju (c. 540-604) żied erba' modi oħra għall-użu tal-mużika sagra. Fis-sena 1547, Henricus Glareanus, Patri Svizzeru, ippreżenta t-teorija ta' tnax-il modi. Dawn huma:

| | |
|---|---|
| *Dorian (minn Re sa Re)* | *Hypo Dorian (minn La sa La)* |
| *Phrygian (minn Mi sa Mi)* | *HypoPhrygian (minn Mi sa Mi)* |
| *Lydian (minn Fa sa Fa)* | *HypoLydian (minn Do sa Do)* |
| *MixoLydian (minn Sal sa Sol)* | *HypoMixoLydian (minn Re sa Re)* |
| *Aeloian (minn La sa La)* | *HypoAelonian (minn Mi sa Mi)* |
| *Ionian (minn Do sa Do)* | *HypoIonian (minn Sol sa Sol)* |

Minn dawn il-modi, tnejn minnhom, dik *Aeolian* u dik *Ionian,* aktar tard saru l-bażi tal-iskala *minore* u tal-iskala *maggiore* rispettivament. Matul iż-żmien il-modi għamlu l-wisa' għall-iskali kif nafuhom aħna llum u flimkien mal-iżvilupp tal-armonija lejn l-aħħar ta' żmien ir-Rinaxximent issawret il-mużika Ewropea tal-Punent kif nafuha llum.

GREYSTONE
PUB & RESTAURANT
Now also serving Pizza
*Open from 9.00am till late for breakfast, lunch and dinner.*
*All your favourite football games and Formula 1 live on plasma screens.*
*Take-away also available. Fully Air-Conditioned*
*154, Ġorġ Borg Olivier Street. Mellieħa • Tel: 2152 3499, Mob: 9944 6621*